# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tnejn 10 ta' Mejju, 2021**

**Rikors Numru 255/21TA**

**Fl-atti tal-kawża bin-numru 105/11TA fl-ismijiet:-**

**L&M Camilleri Limited**

**vs**

**Panor Limited**

**Wara l-mandat ta' sekwestru 1820/20**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' Panor Limited (is-Soċjeta' rikorrenti) tat-18 ta' Marzu 2021;

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' L & M Camilleri Ltd (is-Socjeta' intimata);

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**

Bejn il-partijiet kien hemm diversi mandati ta' sekwestri, b'wieħed minnhom irtirat, u dak li jġib in-numru 1282/2018 kien varjat permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Novembru 2018, fis-sens li kien ridott l-ammont ikkawtelat. Fit-13 ta' Diċembru 2020, is-Soċjeta' intimata otteniet il-ħruġ tas-sekwestru mertu ta' dawn il-proċeduri meta għadu in vigore l-mandat l-ieħor fuq imsemmi. Din id-darba fl-ammont ta' mija tnejn u għoxrin elf tlett mija tnejn u għoxrin euro u erbgħin ċenteżmu (€122,322.40), rappresentanti kumpens konsistenti f'€22.322.40 imgħaxijiet fuq l-ammont li diġa' qed ikun ikkawtelat u €100,000 ħlas li ser ikollha tagħmel is-Soċjeta' intimata lil ċertu Margaret Vella naxxenti minn kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-nutar Andre' Farrugia tal-5 ta' Diċembru 2018. Dan l-aħħar kuntratt sar in konnessjoni mal-istess kawża li hemm bejn il-partijiet li fiha s-Soċjeta' intimata qed tirriklama d-danni. Dan ifisser li s-Soċjeta' intimata issa qed tikkawtela l-pretensjonijiet f'dik il-Kawża permezz ta' żewġ mandati ta' sekwestru.

Minn naħa tagħha, is-Soċjeta' intimata tgħid li minħabba ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, partikolarment fid-dawl li diġa' saritilha kawża minn ħaddieħor u li t-terz f'dik il-kawża, fl-istess posizzjoni tal-imsemmija Vella ingħata ragun. Għalhekk sabiex jiġu minimizzati d-danni, kellha bil-fors tidħol għall-kostituzjoni ta' debitu ieħor. Il-Qorti fehmet ukoll li fil-mument li

ngħata d-digriet ta' din il-Qorti, li bih kien ridott l-ammont ikkawtelat bl-ewwel mandat, din il-kostituzzjoni ta' debitu kienet għadha mhux iffirmata.

Is-Soċjeta' rikorrenti tilmenta prinċipalment minn żewġ affarijiet. L-ewwel li s-Soċjeta' intimata qed taġixxi b'malizzja u b'abbuż. It-tieni minħabba l-projbizzjoni komminata f'artikolu 836(5) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Għalhekk ikun utli li qabel kollox din il-Qorti tikkunsidra t-tieni ilment.

Artikolu 836(5) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*"Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a)****ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta'qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid*** *bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom,ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors."* (Emfażi tal-Qorti)

Minn eżami ta' din il-parti tal-liġi, il-Qorti tifhem, li meta jinħareġ mandat ieħor f'każ fejn jkun diġa' revokat ieħor qabel, ir-rikorrent **għandu l-obbligu li fir-rikors** li bih jitlob il-ħruġ tat-tieni mandat, jagħmel id-dikjarazzjoni

msemmija f'dan is-sub-artikolu. Fi ftit kliem, huwa l-Imħallef li jkun irid jordna l-ħruġ ta' dak il-mandat li għandu jkollu quddiemu din id-dikjarazzjoni.

Dik id-dikjarazzjoni tpoġġi lill-Imħallef li jkun qiegħed jieħu konjizzjoni tat-tieni mandat fil-posizzjoni li jkun jista' jeżamina l-atti l-oħra kollha, partikularment iċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għaċ-ċaħda tal-ewwel mandat. Ir-raġuni tgħidlek, li dan huwa wkoll applikabbli, mhux biss għal meta l-ewwel mandat ikun ġie revokat *in toto*, imma għar-revoka li tkun in parte, bħal ma kien il-każ li ghandha quddiemha din il-Qorti.

Il-Qorti tfakkar li din il-parti tal-liġi hija drakonjana u meħtieġ li tkun osservata bl-aktar mod skrupuluz (ara **Sentenza tal-1 ta' April, 2005 Appell Civili fl-ismijiet Gourmet Company Limited u Domenico Savio sive Savio Spiteri -vs- Mariano Vella pro et**). Di fatti dawn il-Qrati huma tal-fehma li s-sub inċiż 5 tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 huwa inekwivoku. **Fid-digriet kamerali tat-8 ta' April, 2020 per Imħallef Robert Mangion, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru 318/20 u fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Philip sive Pinu Azzopardi vs Rosina Cassar pro et** il-Qorti osservat is-segwenti:

*"Sabiex talba ghal hrug ta' mandat kawtelatorju gdid wara revoka ta' iehor tkun proceduralment sana jehtieg li min jitlob il-hrug ta' tali mandat jiddikjara bil-gurament illi jkunu inqalghu cirkostanzi godda minn wara r-revoka ta' mandat iehor.*

*Dan sabiex il-Qorti adita minn tali rikors tkun f'posizzjoni tistharreg u tiddeciedi jekk verament kienx hemm cirkostanzi godda li jiggusitifikaw il-hrug tal-mandat kawtelatorju nonostante li dak precedenti jkun gie revokat. Tali nuqqas fil-kaz odjern wassal lill-Qorti adita mir-rikors ghall-mandat li tikkonsidra it-talba bhala rikors ordinarju ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju ordinarju. Rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju iehor wara li dak precedenti jkun gie revokat b'ordni tal-Qorti ma jibqax rikors ordinarju ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju. F'cirkostanzi simili rikorrent fil-kwalita' tieghu ta' sekwestrant prospettiv huwa fid-dover li jgib a konjizzjoni tal-Qorti hekk adita sew l-atti tal-mandat kawtelatorju precedenti kif ukoll id-decizzjoni precedenti li permezz taghha tali mandat kien gie revokat. L-ironija tas-sorti jew l-isfortuna, skond kif thares lejn il-kwistjoni, hi illi iddigriet li permezz tieghu gie akkordat il-hrug tal-mandat ta' sekwestru indizamina inghata mill-istess Imhallef li ppronunzja s-sentenza fis-27 ta' April 2017 li permezz taghha gie deciz illi Philip Azzopardi ma kellux dritt li jintavola mandat ta' sekwestru kawtelatorju iehor una volta dak minnu ottenut precedentment kien gie revokat. Din il-konstatazzjoni u osservazzjoni tal-Qorti hija konferma ta' kemm in-nuqqas tas-sekwestrant li jinforma lill-Qorti li mandat precedenti tieghu kien gie revokat cahhad lill-Qorti adita birrikors ghall-hrug ta' mandat de quo milli tikkonsidra t-talba fid-dawl tas-sub inciz 5 tal-Artikolu 836 Kap.12."*

Il-Qorti ma tistax titraskura dawn l-osservazzjonijiet, għaliex altrimenti tkun qed tiftaħ bieb għall-abbużi fil-ħruġ ta' mandat kawtelatorju fiċ-ċirkostanzi bħal dawk odjerni. Il-Qorti għalhekk eżaminat bir-reqqa l-mandat odjern u minn imkien ma jirrisulta li s-Soċjeta' intimata għamlet id-dikjarazzjoni fuq imsemmija **fir-rikors** tal-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk f'dan ir-rigward, is-Soċjeta rikorrenti għandha raġun meta tilmenta li l-artikolu 836(5) jipprojbixxi li jinħarġu mandati ex-novo. Biex is-Soċjeta' intimata setgħet tagħmel dan riedet ta' bilfors tagħmel dik id-dikjarazzjoni.

Ikkonstatat dan il-fatt, din il-Qorti l-anqas għandha għalfejn tidħol fl-element jekk skont artikolu 836(5) kienx hemm ċirkostanzi ġodda li jiġġustifikaw il-ħruġ tat-tieni mandat. Din hija materja riservata għall-apprezzament ta' dak l-Imħallef li jrid jilqa' jew jiċħad it-talba għat-tieni mandat. Għalhekk, ir-rikors tas-Soċjeta rikorrenti ser ikun milqugħ abbażi tal-artikolu 836(1)(f) peress li fiċ-ċirkostanzi ma hux ġustifikabbli li jinżamm fis-sens kif fuq spjegat. B'dana ma jfissirx għalhekk, li jekk tassew kien hemm ċirkostanzi ġodda li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' mandat ieħor il-bieb huwa magħluq.

Sa fejn jirrigwarda t-tieni talba, din il-Qorti tħoss li ma ġietx ipprovata. Kwantu għat-tielet talba, fid-dawl li t-talbiet rikorrenti ser jintlaqgħu kif ingħad, allura ma hemmx lok li din il-Qorti tiehu konjizzjoni tagħha.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha:

**Tilqa'** l-ewwel talba tas-Soċjeta' rikorrenti abbazi biss tal-artikolu 386(1)(f) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u tordna għalhekk il-ħruġ tal-kontromandat opportun għal mandat ta' sekwestru numu 1820/10 fl-ismijiet premessi.

**Tiċħad** it-tieni talba u **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba.

Spejjes ta' din il-proċedura għas-Soċjeta' intimata.

**Mogħti kameralment illum 10 ta' Mejju, 2021.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**